# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR DIANE VELLA) V WILLIAM GIOVANNY MURILLO TIBOCHA (KI. 246163A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10/12/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil. William Giovanny Murillo Tibocha ID.246163A**

**Imwieled. Colombia .d.t.t.21/06/1975.**
**Toqghod; `Tal-Kexkux Farm House` Vjal L-Avjazzjoni, Luqa.**

**BILLI inti akkuzat** talli fl-10 ta`Awwissu 2023 ghal habta ta bejn `01.20Hrs 04.30Hrs fl-Imsida ,

**(1) Soqt** jew pprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru.GEL-816 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi,

**(2).**W`aktar inqast jew irrifjutajt li taghti kampjun tan-nifs meta kont mitlub li taghmel hekk skond il ligi.

(3). Soqt vettura Nru.GEL-816 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65),

(4). Soqt vettura Nru.GEL-816 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104)

(5). Kellek vettura Nru.GEL-816 fit-triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuza minghajr licenzja ta cirkolazzjoni valida mahurga mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta(Sec.13(2) LS.368.02)

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' CO 595, CO 887, Stephen Cachia (affidavit) għal Transport Malta u tal-imputat innifsu.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn*

Rigward l-ewwel akkuża, l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 jipprovdi s-segwenti:

> **'15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.**
>
> **(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa'**

Ir-reat kontemplat taħt l-Art. 15B tal-Kap. 65 jipprovdi kif ġej:

> **'15B. (1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt'**

Imbagħad l-Art. 15E(4) jipprovdi hekk:

> **'15E. (4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt ...'**

Il-pożizzjoni ta' din il-Qorti fil-passat kienet dik illi jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova r-reat ravviżat taħt l-Art. 15B, allura jirriżulta ukoll dak ravviżat taħt l-Art. 15A. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Christian Aquilina"** mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019 din il-Qorti qalet kif ġej:

> "Il-limiti preskritti mill-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni tieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita' ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment ("impairment") fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jeccedi tali limiti. Dawn il-limiti preskritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq il-bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitz u Robinson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra **<u>f'livelli ferm inqas</u>** mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma' jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier **<u>ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq</u>**."

Madanakollu l-Qorti hija konxja illi fil-ġurisprudenza din il-pożizzjoni ma kienetx issib sostenn. Pereżempju l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Paul Cefai</u>**" mogħtija fit-30 ta' April 2019 (App. Nru. 475/2016 CSH) iddikjarat illi sabiex tinstab ħtija taħt l-l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova illi l-kapaċità tas-sewwieq għas-sewqan tkun effettivament imnaqqsa u li din il-prova għandha tkun waħda oġġettiva u mhux sempliċiment soġġettiva (bħal ngħidu aħna x-xamma ta' riha tal-alkohol minn xi ufficjal tal-Pulizija). Skond dik il-Qorti għalhekk il-Prosekuzzjoni trid tressaq prova ta' sewqan li jirrifletti l-kundizzjoni ħażina tas-sewwieq, bħal per eżempju sewqan erratiku jew sewqan li b'mod ieħor jiddipartixxi minn dak li jesiġu r-regolamenti tat-traffiku:

> "Illi allura jehtieg lill-prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-artikolu, tipprova illi l-kapacita` tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa. Fil-fatt anki f'kaz li bniedem ikun jirrizulta effettivament illi ecceda il-limitu preskritt, dana ma jfissirx li huwa hati ta' imputazzjoni migjuba taht dan l-artikolu sakemm ma jirrizultax ukoll illi minhabba tali stat, huwa mhuwiex f'kundizzjoni illi jsuq ghaliex ghandu l-kapacita mnaqqsa...
>
> ... Biex tinstab htija taht l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-reat taht l-artikolu 15B, liema reat huwa determinat merament minn kemm ikun l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs, demm jew urina), ma jinhtiegx biss li jigi ppruvat li sewwieq saq vettura taht l-influwenza tax-xorb, izda, jrid ikun hemm il-prova li s-sewwieq propju minhabba l-alkohol (u dan indipendentament minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fis-sistema) ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Dwar il-kwistjoni tax-xorb, gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna li ghal fini tal-artikolu 15A tal-Kap 65, il-fatt li xufier ikollu riha ta' xorb ma hijiex prova bizzejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq...

Illi jirrizulta mill-atti li l-appellant ta' tlett testijeit tan-nifs li lkoll kienu incomplete u ghalhekk semmai dan il-fatt wahdu setgha jammnta ghall-akkuza taht l-artikolu 15(4) tal-Kap 65. Bl-ebda mod ma jammonta ghal xi prova korroborattiva li kien fi stat ta' tossifikazzjoni u li ghalhekk ma kienx f'kundizzjoni tajba li jsuq. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkorrobora l-istat tas-sewqan tieghu u dan ghaliex **<u>hadd ma rah isuq</u>** u **<u>dwar il-komportament tieghu l-ufficcjal tal-pulizja fl-ebda hin ma stqar li l-appellant ma kienx qed jikkollabora mieghu jew li ma kienx qed jifhmu jew li kien qed iserrep fil-passi tieghu, jew li kellu wiccu ruxxan jew li l-pupilli ta' ghajnejgh kienu fissi</u>**. Xejn minn dan l-unika prova remota li donnu il-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha biex torbot l-akkuza in desamina kien dak li allegatament stqarr Lawrence Debono lil PS 274 li kellu jittihed test tan-nifs ghaliex lappellant kellu riha ta' xorb f'halqu."

Issa fil-fehma umli ta' din il-Qorti, test tal-*breathalyser* li juri li l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs jkun iżjed mil-limitu preskritt huwa test oġġettiv u konklussiv biżżejjed illi, flimkien ma provi oħra li jistgħu jkunu ukoll soġġettivi, bħal ngħidu aħna x-xamma ta' riħa tal-alkohol u l-komportament tas-sewwieq meta jitwaqqaf mill-uffiċjali tal-awtorita', għandhom ikunu biżżejjed sabiex jippruvaw il-każ tal-Prosekuzzjoni dwar li sewwieq ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq minħabba x-xorb. Jidher però illi fuq dan il-punt il-ġurisprudenza ttendi illi titlob prova li s-sewqan effettivament ikun wieħed ħażin, bħal per eżempju sewqan erratiku jew ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Kien għalhekk li din il-Qorti f'sentenzi oħra riċenti kienet addottat l-istess linja tal-ħsieb f'dan ir-rigward u dan sabiex kemm jista' jkun tiġi żgurata l-uniformita' fl-interpretazzjoni tal-liġijiet mill-Qrati tagħna.

Issa peress illi fil-każ in eżami ma tressqet l-ebda prova dwar is-sewqan tal-imputat, il-Qorti ma tistax ħlief għar-raġunijiet fuq imsemmija tikkunsidra li l-imputat m'huwiex ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni din però tirriżulta ampjament sorretta mill-provi.

*Imputazzjoni numru erbgħa (4)*

Din l-imputazzjoni (sewqan mingħajr kopertura b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi) ukoll tirriżulta ppruvata.

*Imputazzjonijiet numru tlieta (3) u ħamsa (5)*

L-imputazzjoni numru tlieta (3) hija dik ravviżata taħt l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 li jaqra kif ġej:

> **‘15.(1) Kull min –**
>
> **(a) isuq ... vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, ... ikun ħati ta’ reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta’ mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta’ mhux iżjed minn sena>”**

L-imputazzjoni numru ħamsa (5) hija dik kontemplata taħt l-Art 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 (“Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta’ Vetturi Bil-Mutur”), liema artikolu jaqra kif ġej:

> **‘13 (2) L-ebda vettura bil-mutur ma tista’ tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenza għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta’ liċenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att.’**

L-artiklu tal-liġi msemmi ma jipprovdix għal sanzjoni/penali f’każ ta’ ksur u filfatt huwa biss l-Artikolu 44(7)(a) tal-istess leġislazzjoni sussidjarja li jipprovdi penali fil-każ ta’ “**sewqan ta’ vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenzja valida”** f’liema każ il-penali hija multa ta’ mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. Għalkemm l-Art. 44(7)(a) m’huwiex ċitat mill-Prosekuzzjoni fid-diċitura tal-ħames imputazzjoni, il-Qorti hija xorta waħda libera illi tapplika l-piena li tirriżulta mill-liġi u dan peress illi hija m’hijiex marbuta mal-artikoli (jew nuqqas tagħhom) ċitati mill-Prosekuzzjoni.

Dan ifisser illi s-sanzjoni marbuta mar-reat ravviżat fl-imputazzjoni numru ħamsa (multa ta’ mhux inqas minn € 235 jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn 3 xhur) hija inqas ħarxa minn dik marbuta mar-reat ravviżat fl-imputazzjoni numru tlieta (multa ta’ mhux iżjed minn € 1,200 jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena – flimkien mal-piena addizzjonali ta’ skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu minimu ta’ tmient ijiem).

L-argument li ta’ spiss jitqajjem mid-difiża f’dawn it-tip ta’ kawżi huwa dak illi l-imputazzjoni numru ħamsa hija identika għall-imputazzjoni numru tlieta u għalhekk mhux biss il-Prosekuzzjoni m’għandhiex tressaqhom it-tnejn flimkien iżda iżjed minn hekk għandha tieħu

ħsieb illi tixli lill-imputat biss bil-ħames imputazzjoni peress illi din iġġorr piena potenzjali li hija iżjed favorevoli lejn l-imputat. Is-sentenza li tiġi normalment ċitata in sostenn ta' dan l-argument hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Pietro Pecchioni** (Appell Numru 376/2023, per Onor. Imħallef Consuelo P. Scerri Herrera) fejn il-Qorti kienet iddeċidiet fost l-oħrajn li l-appellant (il-persuna misjuba ħatja) kien ġie mixli b'mod żbaljat taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65) u kellu jiġi minflok akkużat bir-reat kontemplat fir-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. L-akkuża in kwistjoni f'dik il-kawża kienet ifformulata kif ġej:

*"Fil-29 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tad-09:25 a.m., fi Triq Tul il-Kosta, Naxxar, huwa saq vettura bir-reġistrazzjoni numru ... meta din ma kienitx liċenzjata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda)."* Mill-banda l-oħra l-Prosekuzzjoni ta' spiss tilqa' għal dan l-argument billi tikkwota sentenza mogħtija fl-istess data mill-istess Qorti kif presjeduta fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Darren Bonnici** (Appell Numru 405/2023, per Onor. Imħallef Consuelo P. Scerri Herrera) fejn il-Qorti fost l-oħrajn ċaħdet l-appell tal-appellant mis-sejbien ta' ħtija taħt l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u dan meta l-akkuża in kwistjoni kienet ġiet ifformulata kif ġej:

*"Saq vettura bir-reġistrazzjoni numru ... li ma kinitx liċenzjata biex tintuża fit-triq."*

L-argument tal-Prosekuzzjoni għalhekk huwa li hemm kontradizzjoni bejn dawn iż-żewġ sentenzi mogħtija mill-istess Qorti fl-istess jum u li l-Qorti għandha tqis biss l-artiklu tal-liġi msemmi mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi, jiġifieri f'dan il-każ kemm l-Artikolu 15(1)(a) ta' Kapitlu 65 (it-tielet akkuża) u kif ukoll ir-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 (il-ħames akkuża), u timponi l-ogħla piena.

Il-Qorti tqis ta' rilevanza ukoll is-sentenza datata 24 ta' Mejju 2024 maħruġa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Jean Paul Grech (Numru tal-Każ 1908/2024) fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Ani Kunjuryan** fejn il-Qorti rreferiet ukoll għall-istess sentenzi fuq msemmija. F'dik il-kawża l-imputat kien ġie mixli li

"*Saq vettura bir-reġistrazzjoni numru … meta din ma kienitx liċenzjata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura skaduta) u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65.*"

Il-Qorti fost l-oħrajn ċaħdet l-argument tad-difiża li l-akkużat kellu jiġi mixli skont l-offiża "inqas gravi" prevista taħt ir-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u dan għaliex fil-fehma tagħha l-artikli tal-liġi in kwistjoni mhumiex identiċi:

> "In its final submissions to this case, the defence claimed that although the accused was charged as having breached article 15(1)(a) of Chapter 65, the facts of the case indicate that he should have been charged with breaching regulation 13(2) of Subsidiary Legislation 368.02. This because the defence claimed that the alleged criminal conduct is not covered by article 15(1)(a) of Chapter 65…
>
> … After having examined in the detail these two (2) provisions of law, the Court notes the following:
>
> > (a) whereas in article 15(1)(a) of Chapter 65 the legislator is using the word "drives", this word does not feature in regulation 13(2) of Subsidiary Legislation 368.02. In fact, in regulation 13(2) the legislator has refrained from using the word "drives" or a derivative of the same; the legislator only uses the words "parked" and "in use". For this Court this difference in wording already suggests that the two (2) offences are distinct from one another. This Court considers that for a finding of guilt under article 15(1)(a) of Chapter 65, driving is an essential element. The driving element is however not required for a finding of guilt under regulation 13(2) of Subsidiary Legislation 368.02. It is true that Regulation 13(2) of Subsidiary Legislation 368.02 is referring to a vehicle "in use". However, the Court **does not consider this as being a direct and specific reference to driving a vehicle**: had the legislator wanted to refer specifically to driving he could have done so in clear and unequivocal terms. By including the words "in use", the Court believes that the legislator wanted to include under the purview of this regulation those vehicles which although stationary, its drivers would be making use of them to carry out work or some other commercial activity (for example cranes, delivery trucks etc). Parking normally impartsthe idea that the driver is leaving the vehicle unattended. Hence the legislator wanted to ensure that these vehicles which would be stationary and attended are also licenced by Transport Malta.
> >
> > (b) secondly Subsidiary Legislation 368.02 was enacted by virtue of Legal Notice 198 of 2009. Article 15(1)(a) had been promulgated much before and this as evidenced by the various amendments done to this same article over the years. There was definitely no need, nor would it have made sense to include another article of law which criminalises an act (driving a vehicle not licenced by the Authority) when this conduct had already been criminalised by virtue of an Act promulgated before;

(c) thirdly it is to be noted that a breach of article 15(1)(a) of Chapter 65 is triable before the Court of Magistrates. On the other hand, the offence of having a vehicle without a valid circulation licence (as long as this vehicle is stationary or parked) is triable before 8 the competent Local Tribunal presided by a Commissioner for Justice. The competence of Local Tribunals to try this offence emerges from a reading of articles 14(3) and 21(1) of Subsidiary Legislation 368.02. These regulations are quoted in the schedule of Chapter 291, the Commissioner for Justices Act, which specifies which offences are to be tried before the Local Tribunal presided by a Commissioner for Justice.

Therefore, it is clear that article 15(1)(a) of Chapter 65 is criminalising those instances where an unlicensed vehicle is being driven on the road. On the other hand, regulation 13(2) of Subsidiary Legislation 368.02 caters for those instances where a person either parks or makes use of a stationary unlicensed vehicle on the road. The latter offence is triable before the competent Local Tribunal as opposed to that under Chapter 65 which is triable before the Court of Magistrates."

Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni ta' din il-Qorti diversement presjeduta fil-kawża appena ċitata, ossia illi l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 fejn tirrigwarda s-sewqan ta' vettura li ma tkunx liċenzjata u r-Regolament 13(2) tal-L.S. 368.02 m'humiex identiċi, madanakollu l-Qorti tqis illi tal-inqas fil-każ odjern it-tqabbil li għandu jsir huwa dak bejn l-Art. 15(1) tal-Kap. 65 u r-Regolament 44(7)(a) tal-L.S. 368.02 peress illi huwa dan tal-aħħar li jipprovdi l-piena u mhux ir-Regolament 13(2).

Ir-Reg. 44(7)(a) tal-L.S. 368.02 jaqra kif ġej:

**"44 (7) Il-pieni għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin: (a) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenza valida .............mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur"**

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-fatt illi r-Regolament 13(2) ma jġorrx piena b'mod speċifiku u l-fatt illi l-istess Regolament 13(2) m'huwiex identiku għar-Regolament 44(7)(a) – li jġorr il-piena biss għas-sewqan ta' vettura li ma tkunx liċenzjata – m'huwa xejn ħlief żball tal-leġislatur illi

fassal sett ta' regolamenti miżgħud bi żbalji oħra li jagħmluhom mhux xierqa għall-iskop li tfasslu.[1]

Lura għall-każ odjern jirriżulta b'mod ċar illi l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 – fejn jirrigwarda s-sewqan ta' vettura li ma tkunx liċenzjata – huwa identiku għar-Reg. 44(7)(a) tal-L.S. 368.02, u li dan l-aħħar regolament iġorr piena iżjed favorevoli għall-imputat, mhux l-anqas għaliex ma jirrikjedix il-piena addizzjonali ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan.

Fis-sentenza mogħtija iżjed kmieni llum fuq l-istess materja, fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Dorde Markovic**, din il-Qorti qalet is-segwenti fuq kif tista' tiġi riżolta din il-kwistjoni:

> "In today's legal framework, interpreting legislative intent is a central task for the judiciary, which operates alongside the legislature in ensuring justice. Judges often face challenges in applying laws because statutes are designed to address broad scenarios, making it impossible for lawmakers to anticipate every situation that might arise after their enactment.
>
> To address these challenges, courts in common-law jurisdictions (such as England and Wales) have established interpretive principles, including the so called **rule of lenity**. This mandates that ambiguities in criminal law be resolved in favor of the defendant. The rule is applied only when a law can reasonably be interpreted in multiple ways, and the court's decision significantly impacts the defendant. In such cases, it directs courts to choose the interpretation that is most favorable—or least harmful—to the defendant. By analogy this rule can also be applied where multiple provisions apply to the same offence but one imposes a lesser penalty. Such rule mandates that in any such case and in the absence of any logical interpretation of the legislator's intention, the court may apply the provision with the lesser penalty.
>
> Given the haphazard and seemingly thoughtless manner in which Subsidiary Legislation 368.02 was drafted, the Court is more than certain that when enacting Legal Notice 198 of 2009 (that brought into force the said subsidiary legislation) the legislator **did not intend** to introduce another penalty by way of an alternative to the one provided under Article 15(1)(a) of Chapter 65 of the Laws of Malta (that has been in force for a

---

[1] Biżżejjed jingħad illi għajr għar-Regolamenti 44(1)-(5), numru ta' reati elenkati fir-Regolamenti (inkuż is-sewqan ta' vettura li ma tkunx reġistrata ma Transport Malta, in-nuqqas ta' avviż lil Transport Malta tat-trasferiment tal-vettura, u li jkollok vettura pparkjata fit-triq li ma jkolliex liċenzja ta' ċirkulazzjoni valida) ma jġorrux piena speċifika, jew inkella iġorru waħda mill-pieni elenkati fir-Regolament 44(7) illi jew ma taqbilx b'mod preċiż mad-diċitura tar-reat jew inkella tirreferi għal multa illi m'hijiex erogabbli mill-Qorti, fuq skorta ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

> number of decades). This notwithstanding, given that two penalties exist that cater for the same offence without any legal justification, the Court feels that it is duty bound to resolve this ambiguity by applying the penalty that it more favourable to the accused."

Hawnhekk però tqum problema oħra billi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tenniet kemm il-darba illi l-multi elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 m'humiex erogabbli mill-Qorti billi l-leġislatur ma speċifikax jekk ir-reati hemm elenkati humiex delitti jew kontravenzjonijiet u allura jekk il-multi humiex *multa* jew *ammendi.* Dan ifisser illi s-sanzjoni pekunjarja taħt ir-Regolament 44(7)(a) ma tistax tiġi applikata minn din il-Qorti li minflok tista' timponi biss il-piena l-oħra ta' ħabs għal mhux aktar minn tlett (3) xhur. Fiċ-ċirkustanzi però tqis illi tali sanzjoni tkun waħda estrema u ħarxa u għalhekk filwaqt li ser issib l-imputat ħati tat-tielet u ħames imputazzjonijiet hija ser tillibera lill-imputat mill-piena bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor sa żmien sena mil-lum.

**<u>Deċiżjoni</u>**

**Il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuża fuq nuqqas ta' provi, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art 15(1)(a), l-Art 15B, l-Art. 15E(4) u l-Art 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 13(2) u l-Art. 44(7)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 issibu ħati tal-bqija tal-akkużi. Bħala piena fir-rigward tal-akkużi numru tnejn u erbgħa, il-Qorti timponi multa komplessiva ta' € 4,300 (pagabbli fuq talba tad-difiża f'36 pagamenti mensili u ugwali) u b'żieda mal-piena tiskwalifika lill-imputat mill-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Bħala piena fir-rigward tal-akkużi numru tlieta u ħamsa, il-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |